## 29 ta' April, 1985

## Imħallfin:

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A.,F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Fenech *noe*

*versus*

Peter Azzopardi

## Prova - Xhieda - Testimoni - Kredibilità ta'

*L-Attur aġixxa għal pagament fuq ordni lilu magħmula mill-konvenut li eċċepixxa illi l-bejgħ ta' kwalità ta' P.V.C powder li għalih intalab il-ħlas ma sarx u illi mingħajr preġudizzju għall-premess il-fornitura ma kienx ta' kwalità tajba u mhux addattat għal-iskop tiegħu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi l-provi fir-rigward juru illi l-attur ikkonsenja lill-konvenut "powder" differenti minn dak ordnat u l-Qrati tagħna dejjem irritenew illi ll-kompratur jista'*

***jirrifjuta l-merkanzija meta hija ta' kwalità diversa minn dik miftiehma u għalhekk ikkonfermat is-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-talbiet attriċi bir-riforma illi l-ispejjeż baqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.***

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li permezz tagħha l-attur *proprio et nomine*, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' erba' mija, tnejn u sittin lira Maltija (Lm462.00,0) għas-saldu ta' somma akbar rappreżentanti prezz ta' *P.V.C. powder* mill-konvenut ordnat u lilu mibjugħ u konsenjat skond kont anness u markat Dok. A *oltre* l-interessi kummerċjali mit-23 ta' Ġunju, 1974; bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali responsiva tad-29 ta' Diċembru, 1976, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi peress illi l-bejgħ tal-*P.V.C. powder* illi għalih qed jintalab il-ħlas ma sarx; u illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-*P.V.C. powder* mhux ta' kwalità tajba u adattata għall-iskop tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Novembru, 1981, li laqgħet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut u rrespinġiet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontrih, u dan wara li kkunsidrat illi:

Minn natura ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut jidher li din hija kwistjoni ta' kredibilità. Infatti hemm żewġ verzjonijiet li jikkonċernaw il-kwistjoni dik ta' l-attur li hija

korroborata mit-tifel tiegħu u dik tal-konvenut li tinsab konfrontata mix-xhieda ta' patri Cherubino;

Il-kwistjoni bejn il-partijiet tikkonsisti f'żewġ affarjiet. Il-konvenut isostni li hu ordna biss tunnellata *powder P.V.C.* li kellu jitħallas ma' tunnellata oħra li kellha tkun likwidu. Iżda l-attur ikkonsenja lill-konvenut 2 tunnellati *P.V.C. powder* u tunnellata likwidu. Barra minn hekk hemm il-kwistjoni l-oħra li l-attur ikkonsenja apparti l-kwalità, *P.V.C.* li n-numru tiegħu huwa 8001 mentri l-konvenut kien ordna tunellata *P.V.C.* Nru. 7001 u oħra likwidu u billi l-*powder* li rċieva kien differenti minn dak ordnat, ix-xogħol ma bedix jiġih tajjeb għad li beda juża' strumenti u mezzi kif bdew jiġu lilu suġġeriti mill-attur;

Miż-żewġ verzjonijiet mogħtija, il-Qorti tagħżel dik tal-konvenut għax jidhrilha li hi aktar verosimili. Fil-fatt kien ix-xhud patri Cherubino li għamel l-ordni ma' l-attur għan-nom tal-konvenut. Fit-28 ta' Ġunju, 1974, 80 xkora *P.V.C. powder* ġew konsenjati lill-konvenut u fl-1 ta' Lulju, 1974 intbagħat il-kont ta' Lm912 bl-*invoice* No. 1066. Wara li ntbagħtet din l-*invoice* mar patri Cherubino għand l-attur jilmenta li huma, jiġifieri hu u l-konvenut kienu ordnaw tunnellata waħda biss *P.V.C. powder.* Infatti l-konvenut ħallas lill-attur biss is-somma ta' Lm450. L-attur stess xehed li l-konvenut kien ilmenta miegħu fuq li l-materjal ma kienx qed jaħdimlu tajjeb;

Fil-fatt dan ix-xhud patri Cherubino jaf liż-żewġ partijiet u kien hu li intriga li jagħmel l-ordni għand l-attur. Kien huwa li għażel it-tip li kellu bżonn il-konvenut u għamel l-ordni għan-nom tiegħu għand l-attur għal *Powder 7001* u l-*liquid A.H. Special.* Infatti fuq dak li jirrigwarda l-likwidu ma jidhirx li hemm kwistjoni, din aktar qegħda fuq dak li jirrigwarda l-

*powder*. Meta l-konvenut u patri Cherubino ddeċidew li jagħmlu l-ordni, il-patri immarka dak li riedu fuq il-katalgu. Meta waslet il-merkanzija, patri Cherubino induna li l-*P.V.C. powder* ma kienx 7001 iżda 8001 u għall-ewwel ma tkellimx biex ma jaqlax inkwiet. Il-*powder* mal-likwidu jitħallat fil-proporzjon ta' bejn 50/50 u kwindi ma setax ordna 2 tunnellati *powder* ma waħda likwidu għax ma kienx jiġi l-istess. Patri Cherubino meta indunaw mill-kobor u toqol ta' l-ixkejjer mar jipprotesta ma' l-attur iżda wara sar xi arranġamenti bejn il-kontendenti fis-sens li t-tunnellata l-oħra tibqa' għand il-konvenut u dan jekk ikollu bżonn u jużaha jħallas tagħha. Il-konvenut u x-xhud induna li kienu irċevew tnejn tunnellati jew dak inhar jew l-għada;

Fil-bidu l-konvenut kellu okkażjoni fejn iltaqgħu ma' l-attur u l-patri u hemm l-attur qallu li hu kien ser isiefer u jġiblu tunnellata *powder* u oħra likwidu. Meta wasallu l-*powder* għall-ewwel ma ndunax li kien kkonsenjalu 2 tunnellati *powder*. It-tunnellata likwidu kienet waslet qabel. Wara indunaw meta għamlu l-kalkoli fuq l-ixkejjer u f'din l-okkażżjoni kien li patri Cherubino ġibed l-attenzjoni ta' l-ieħor fuq in-numru. U kienet minħabba li dak li bagħtlu ma kienx kif ordnat, li x-xogħol ma bedix joħroġlu tajjeb. Ta' min ukoll jirreferi għal dak li qal patri Cherubino fil-kontro-eżami (fol. 73): "Kont ordnajt is-7001 għaliex fil-ktieb stess issemmi li l-prodott numru 8001 jirrikjedi aktar sħana" u anke għal dak li qal (fol. 72) l-attur fil-kontro-eżami "L-attur darba kien ordnali *stabilizer*, jiena mort nixtrih u wżajtu u x-xogħol xorta ġie ħażin"; "Hu kien ġab librett minn barra u l-attur kien qalli li kien tajjeb" fol. 72;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-attur li appella minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza u tilqa' d-domandi attriċi kontenuti fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat li ssottometta illi fil-meritu s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

L-ewwel kwistjoni bejn il-kontendenti tirriferixxi għall-kwantità ta' *P.V.C. powder* ordnat mill-konvenut. Mill-ewwel għandu jiġi rilevat li ma kienet saret l-ebda ordni bil-miktub, u l-ordni lill-attur ma kinitx saret mill-konvenut direttament iżda permezz tax-xhud patri Cherubino Abela;

Fix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Frar, 1980 (fol. 72), dan ix-xhud igħid li kien ordna minn għand l-attur tunnellata *powder* tat-tip 7001;

Il-konvenut igħid (fol. 50) li hu kien ried jagħmel ordni ta' *plastic* għal *filters* għall-ewwel darba u patri Cherubino qallu biex jordna tunnellata *plastic* u tunnellata likwidu biex jitħalltu flimkien. Qallu ukoll li kellu ħabib tiegħu u l-ordni għamilha hu. Ftit ġranet wara, dejjem skond il-konvenut, patri Cherubino u l-attur iltaqgħu fil-*petrol station* tiegħu (tal-konvenut) u hemmhekk il-konvenut sar jaf min kien l-attur, li qallu li kien ser jsiefer u jġiblu tunnellata *powder* u tunnnellata *liquid*;

Wara ċertu żmien il-*powder* wasal u l-attur ikkonsenja tmenin (80) xkora lill-konvenut li ffirma d-*delivery note* a fol.

10. It-tunnellata likwidu kienet diġà ġiet konsenjata u mħallsa;

Wara l-konsenja tal-*powder* il-konvenut qal lill-patri Cherubino li l-*powder* kien wasal, u patri Cherubino qallu: "Erbgħin xkora hux?" Meta l-konvenut irrisponda li l-attur kien ikkonsenjalu tmenin xkora, patri Cherubino osservalu li allura kienu xkejjer żgħar, u wara li l-konvenut qallu li x-xkejjer kienu daqs dawk tas-*cement* l-istess patri Cherubino rrisponda li allura kien hemm xi żball u li kellu jkellem lill-attur;

Fil-fatt, patri Cherubino qal lill-attur li hu tunnellata biss kien ordna, iżda dan baqa' jinsisti li l-ordni kienet ta' żewġ tunnellati. Il-konvenut ukoll qal lill-attur li huwa tunnellata waħda kien ordna, ta' liema tunnellata kien se jħallsu, kif fil-fatt għamel. Dwar it-tunnellata l-oħra qallu li jekk ma kellux fejn iżommha kien lest iżommhielu u jekk jiġi bżonnha wara li jkun ħela l-ewwel tunnellata jeħodha ukoll;

Raymond Fenech, iben l-attur, igħid li xi żmien wara l-konsenja tal-*powder*, patri Cherubino kien qal lil missieru li huma mhux żewġ tunnellati kienu ordnaw, però żied igħidlu biex l-ewwel jitħallas tan-nofs, imbagħad meta jibda juża t-tunnellati l-oħra jitħallas tal-kumplament;

L-attur, minn naħa tiegħu, igħid li l-ordni kienet għal żewġ tunnellati *powder*, u mhux waħda. Meta patri Cherubino qallu li huma tunnnellata waħda kienu ordnaw u mhux tnejn, hu irrisponda li jekk kien ordna tunnellata waħda ma setax iġiblu tnejn;

Kif diġà rilevat, l-ordni ma kinitx saret bil-miktub, u għallhekk il-kwistjoni trid tiġi risolta fuq dak li jgħidu l-partijiet

u x-xhieda rilevanti. Minn eżami ta' dawn il-provi l-Qorti ma sibx diffikultà tikkonkludi li bejn iż-żewġ versjonijiet f'dan ir-rigward l-aktar waħda attendibbli hija dik tal-konvenut. Kemm il-konvenut, infatti u kemm patri Cherubino, li kien hu li għamel l-ordni, huma katagoriċi li l-ordni kienet għal tunnellata waħda. L-attur ma pproduċa l-ebda prova ħlief id-depożizzjoni tiegħu u d-*delivery note* a fol. 10. Għandu jiġi rilevat, però, li f'din id-*delivery note* m'hemmx indikat il-piż b'tunnellati, imma tindika "*80 bags @ 25kgs.*", li ovvjament jekwivalu għal żewġ tunnellati. Wieħed ma jridx jinsa, però, li din kienet l-ewwel darba li l-konvenut ordna merkanzija ta' dan it-tip, u barra minn hekk l-ordni ma' l-attur kien għamilha patri Cherubino, li l-konvenut kien ħalla f'idejh sija għall-kwantità u sija għall-kwalità. Infatti, kien wara li tkellem ma' patri Cherubino dwar il-kwantità u d-daqs ta' l-ixkejjer konsenjati li l-konvenut irrejalizza li kienu ġew konsenjati żewġ tunnellati u mhux waħda;

Huwa fatt, però, li għalkemm l-ordni kienet għal tunnellata waħda, lill-konvenut ġew konsenjati żewġ tunnellati, li l-prezz tagħhom kien ta' Lm912 li minnu l-konvenut ħallas Lm450, kif jidher mir-riċevuta Dok. Z a fol. 12, "on account";

Il-konvenut jgħid li dwar il-tunnellata żejda lill-attur kien qallu li jekk ma kellux fejn izommha kien izommhielu u jekk jiġi bżonnha wara li jkun hela t-tunnellata li kien ordna jeħodha ukoll;

L-attur ma jaqbilx mal-konvenut f'dan ir-rigward u jgħid li dak li qallu l-konvenut kien li l-ewwel kien se jħallsu ta' tunnellata u meta jużaha u jibda juża t-tieni tunnellata iħallsu tagħha. Raymond Fenech, iben l-attur, igħid li anke patri

Cherubino, fil-prezenza tiegħu, lil missieru kien qallu biex l-ewwel jitħallas ta' nofs u mbagħad meta tibda tintuża l-parti l-oħra jitħallas tal-kumplament;

F'dan l-istat ta' provi, akkoppjat mal-fatt tar-riċevuta "on account", il-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni oħra ħlief għal dik li għalkemm l-ordni kienet għal tunnellata waħda l-konvenut qabel li jixtri anke t-tunnellata żejda li ġiet konsenjata lilu mill-attur;

Stabbilit dan il-fatt, jibqa' għalhekk li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni l-oħra jekk il-*powder* konsenjat lill-konvenut kienx ta' tip ordnat;

L-imsemmi patri Cherubino a fol. 40 igħid li huwa ordna *powder* tat-tip 7001 mentri dak li ġie konsenjat lill-konvenut kien tat-tip 8001. Igħid dan ix-xhud li t-tip ta' *powder* ordnat kien immarkah fuq katalogu li kien tah l-attur stess u li skond ix-xhieda tiegħu kien qiegħed jeżebixxi quddiem l-Ewwel Qorti;

Il-Qorti tosserva, però, li fil-proċess ma hemm l-ebda katalogu eżibit, u għalhekk li riedet tisma' lill-imsemmi patri Cherubino Abela, li fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Novembru, 1984 (fol. 137), ikkonferma li l-imsemmi katalogu kien f'idejh waqt li kien qiegħed jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, ħallieh fil-pussess tal-Qorti u qatt ma rtirah. Ikkonferma ukoll li l-marka fuq il-katalogu kien għamilha meta għamel l-ordni ma' l-attur u żied igħid li fuq il-katalogu kien hemm stampa ta' *air filter* ta' karrozza u din kienet waħda mir-raġunijiet li huwa ordna dak it-tip ta' *powder*;

X'sar mill-katalogu li allegatament ġie eżebit ma jistax jiġi

stabbilit, però, kif jidher mill-verbal tad-19 ta' Novembru, 1984 (fol. 136) il-partijiet, permezz tad-difensuri tagħhom, qablu li l-kawża tista tmur għas-sentenza allavolja l-imsemmi katalogu ma nstabx fil-proċess u ma jidhirx li ġie eżebit;

Il-konvenut jikkonferma li meta kienet saret l-ordni kienet saret marka fuq katalogu ħdejn it-tip ta' *powder* ordnat. Ma kienx ta każ tan-numru tat-tip ta' *powder* wara li kien ilu żmien jaħdem il-*powder* bla riżultat sodisfaċenti u meta qallu b'dan patri Cherubino li jgħid li ma kien tkellem xejn bid-differenza fit-tip ta' *powder* biex ma jkomplix jaqla' nkwiet bejn il-kontendenti billi bejniethom kien diġà nqala' l-inkwiet dwar il-kwantità ordnata;

Fix-xhieda tiegħu a fol. 88, l-attur igħid li patri Cherubino ordnalu t-tip 8001, u eżebixxa kopja ta' l-ordni li kien għamel hu lid-ditta Germaniża u żewġ *invoices* relattivi. Mill-ordni ta' l-attur jidher li fl-10 ta' Mejju, 1974, huwa ordna 2,000 kgs "*Vestolit Powder E 7001*" (fol. 78) iġġib id-data tat-28 ta' Ġunju, 1974. Jidher, għalhekk, li l-attur ma jistax ikun korrett meta jgħid li kieku l-konvenut qallu mill-ewwel li kien ikkonsenjalu xi ħaġa ħażina kien f'pożizzjoni li jagħtih is-7001 li l-*invoice* relattiva għalih ħarġet mid-ditta Germaniża fit-28 ta' Ġunju, 1974, li hija l-istess data li fiha ġew konsenjati hawn Malta ż-żewġ tunnellati *powder* mill-attur lill-konvenut;

Meta l-konvenut ilmenta ma' l-attur li ma kienx qiegħed ikollu r-riżultat mixtieq, l-attur qallu li kien qiegħed f'korrispondenza mal-fabbrika fuq dan, u issuġġerilu li jixtri *stabilizer.* Il-konvenut igħid, però, bla ma ġie kontradett li anke wara li beda juża l-*istablizer* baqa' jieħu l-istess riżultat;

Il-provi fir-rigward juru li fil-fatt l-attur ikkonsenja lill-konvenut *powder* tat-tip differenti minn dak ordnat, u l-Qrati irritenew li l-kompratur jista' jirrifjuta l-merkanzija meta hija ta' kwalità diversa minn dik miftiehma (Portelli *noe vs* Laferla, Vol. XXXIV,I,371);

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn l-partijiet.